# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Nru. 1229

Kaz Numru 1469

Fil-kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Charles Degiorgio

u

All Services Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum, 19 t'Ottubru 2001

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

INTRODUZZJONI

Illi b'ittra datata 24 ta' Awissu 2000, l-appellant talab lill-Onorabbli Ministru tal-Politika Socjali sabiex jirreferi l-kaz lil dan it-Tribunal, liema kaz gie riferut b'ittra datata 29 ta' Awissu 2000 ai termini tal-Kap 266.

DIKJARAZZJONI TAL-KAZ

L-appellant jallega li huwa verament irrizenja imma ma kellux alternattiva ohra. Billi kien qed jaghmel xoghol iehor, mhux dikjarat waqt li kien fuq 'sick/injury leave'. Di fatti ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens fl-10 ta' Awissu, 2000.

Da parti taghha s-socjeta' intimata tallega li l-istess dikjarazzjoni kienet spontanea meta gie rinfaccjat bi provi inkonfutabbli li kien qed jikser il-kuntratt tax-xoghol.

XHIEDA

L-appellant xehed illi meta kien fuq 'sick leave' huwa attenda funzjoni fejn kellu jippresta servizz ta' 'disk jockey' flok it-tifel. F'dawk il-jiem hu kien fuq 'sick leave' minhabba ugiegh f'darhu. Gie moghti tlett (3) ijiem ohra. Meta baghat ghalih is-supervisor tieghu fil-prezenza tal-Human Resources Manager - gie nfurmat li jew jirrizenja jew jigi rrapurtat lil ETC. Testwalment gie moghti l-karta, moqrija ghogbithu, u ffirma.

Is-socjeta' intimata pproduciet lil Carmel Farrugia, u l-Human Resourcers Manager Albert Cassar Farrugia, il-persuna li tat l-ghazla lill-appellant. Kien hu li rredigiha. Hu kien il-mastermind warajha.

Xehdet ukoll Fiona Spiteri - s-segretarja, Mario Cauchi - is-supervisor - xehed ukoll Simon Theuma - is-supervisor immedjat tal-appellant. Dawn ikkonfermaw l-agir ta' l-appellant meta suppost kien qieghed fuq 'sick leave'.

KONSIDERAZZJONI

Il-kaz odjern jaggira ruhu madwar il-famuza dikjarazzjoni datata 10 ta' Awissu 2000. Wara xi zmien huwa allega li kien forzat jiffirmaha tenut kont tac-cirkostanzi li hu kien fihom. Jallega allura li ma kinitx scelta libera da parti tieghu, izda imposta fuqhu.

Stante dik l-allegazzjoni, t-Tribunal jissoponi li l-kunsens ta' l-appellant kien kolpit b'vizzju b'tali mod li jirrendih null. L-att li jirregola din it-Tribunal - Kap 266 - jimponi fuq it-Tribunal obbligu li ma jistax imur kontra l-ligi skritta - Art 32(4).

Il-Kap 16 (Kodici Civili) mill-Art. 974 sal-Art. 981 jistipula fuq il-kunsens. Huwa opportun li dawn l-Artikoli jigu riportati ghall-ahjar konjizzjoni u apprezzament tas-soluzzjoni.

ART. 974 :

Jekk il-kunsens hu gia moghti bi zball jew mehud bi vjolenza jew b'ghemil doluz ma jkunx jiswa.

ART. 975 :

L-izball dwar il-ligi ma jgibu in-nullita' tal-kuntratt hlief meta dan ikun il-kawza wahdanija jew ewlenija tieghu.

ART. 976 :

1. L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita tal-kuntratt hlief meta jaqa` fuq is-sustanza tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim.

2. Il-ftehim ma jkunx null jekk l-izball jaqa` fuq il-persuna li maghha jkun sar il-ftehim hlief meta l-ghazla ta' dik il-persuna tkun il-kawza ewlenija ta' dak il-ftehim.

ART. 977 :

1. Il-vjolenza uzata kontra dak li jkun intrabat b'obbligazzjoni hija kawza ta' nullita` ukoll jekk dik il-vjolenza tkun giet maghmula minn wiehed iehor li ma jkunx dak li favur tieghu tkun saret l-obbligazzjoni.
2. Izda l-obbligazzjoni favur dak li ma jkunx ha sehem fil-vjolenza bhala hlas ta' l-ghajnuna li jkun ta' biex jehles lil parti li obbliga ruhu mill-vjolenza maghmula fuqha minn wiehed iehor, ma tistax tigi annullata minhabba dik il-vjolenza; izda s-somma jew haga ohra mwieghda tista' tigi mnaqqsa, kemm il-darba tkun mahruga mill-qies.

ART. 978 :

1. Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghlha tibza li hija persunitha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn b'perikolu ta' hsara kbira.
2. F'dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta` sew u l-kondizzjoni tal-persuna.

ART. 979 :

1. Il-vjolenza hija mottiv ta' nullita` tal-kuntratt ukoll meta d-deni mhedded ikun dritt biex jolqot il-persuna jew il-hwejjeg tal-mara jew tar-ragel jew ta' dixxendent jew ta' axxendent tal-parti li tikkuntratta.

2. Jekk id-deni mhedded intiz biex jolqot il-persuna jew il-hwejjeg ta' persuni ohra, huma mholli fil-dehen tal-Qorti skond ic-cirkostanzi tal-kaz illi tanulla l-kuntratt jew li twettaq il-validita` tieghu.

ART. 980 :

1. Il-biza ta' qima bejn il-missier, omm jew l-axxendenti ohra jew bejn ir-ragel mhux bizzejjed biex tannulla l-kuntratt jekk ebda vjolenza ma tkunx giet uzata.
2. L-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt imma ghandhu jigi ppruvat.

Illi t-Tribunal jirrileva li l-pretensjoni ta' l-appellant ma tinkwadrax ruhha f'xi wahda minn dawn l-artikoli. Ma gietx allegata l-ebda vjolenza jew xi ghemil doluz jew xi biza reverenzjali jew b'xi zball. Il-kaz odjern huwa l-kaz klassiku ta' ripensament wara. Jista' jaghti l-kaz li kkonsulta ruhu fuq l-agir tieghu. Jista' forsi jinghad li l-appellant ghaggel xi ftit meta qabad u rrizenja.

Illi da parti taghha, is-socjeta' intimata lanqas ma jista' jinghad li hija ma kinitx frettuluza fl-agir taghha. Anzi hatfet lill-appellant fil-kelma, u l-Human Resources Manager agixxa bhala *deus ex machina* fl-interess uniku tal-principal tieghu.

Illi ma gie nvokat l-ebda ftehim kollettiv rigwardanti l-istess. Ikun opportun li tigi regolata materja simili b'legislazzjoni futura billi tigi mposta moratorium fuq l-effikacja pozittiva taghha. B'hekk kull impjegat stante kazijiet simili huma rikorrenti, ikun konsapevoli fattwalment tal-konsegwenzi. Haddiem ghandu jibza ghal post tax-xoghol tieghu.

Illi r-rizenja da parti ta' l-appellant hija valida ghal finijiet u effetti tal-ligi. In vista li dan it-Tribunal jinvestiga skond il-ligi kazijiet ta' kwistjonijiet tax-xoghol, it-talba tal-odjern appellant ma tinkwadrax fil-kompetenza tat-Tribunal billi ma hemm l-ebda tkeccija ngusta.

KONKLUZJONI

Ghaldaqstant, it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kwistjoni.

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol hija definittavament terminata.

Ghal fini ta' tassazzjoni qed jigi ffissat is-somma ta' Lm25 (hames-u-ghoxrin lira Maltin).

Dr. JOSEPH P. BONNICI LL.D.
Chairman